

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 8.5.2008  
COM(2008) 247 finali

2008/0088 (CNS)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa**

(ippreżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Ir-raġunijiet għall- u l-għanijiet tal-proposta

Skond l-Artikolu 138 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, biex jikkwalifika għal pagamenti diretti, annimal għandu jkun identifikat u rreġistrat skond ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000. Skond it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, kull sid ta' l-annimali għandu jirraporta lill-awtorità kompetenti l-movimenti kollha lejn u mill-impriża u t-twelid u l-imwiet kollha tal-bhejjem fuq l-impriża, flimkien mad-dati ta' dawn l-avvenimenti, f'perjodu taż-żmien stabbilit mill-Istat Membru ta' bejn tlieta jew sebat ijiem minn meta jkun ġara l-avveniment.

L-għan tal-proposta huwa li tiċċara l-iskop ta' l-obbligu ta' l-identifikar u r-reġstrar ta' l-annimali bil-għan li jingħataw il-pagamenti għaċ-ċanga u l-vitella, permezz ta' emenda għall-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Bħala riżultat ta' l-emenda proposta, annimal għandu jitqies eliġibbli għall-pagament meta l-obbligi ta' rappurtar stipulati fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 ikunu ġew eventwalment imħarsa sa mhux aktar tard miż-żmien tal-bidu tal-perjodu taż-żamma ta' l-annimal.

L-għan ta' din l-emenda huwa limitat għall-iskop li tiġi stabbilita l-eliġibbiltà għall-pagamenti. Din l-emenda ma tbiddilx it-traċċabbiltà ta' l-annimali billi l-bdiewa jibqgħu obbligati li jikkonformaw ma' kull rekwiżit ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

Billi l-perjodu ta' referenza stabbilit għall-ġestjoni tal-pagamenti involuti huwa s-sena kalendarja, din l-emenda għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2008 sabiex tapplika għall kull pagament li jsir matul is-sena kalendarja 2008 kollha.

#### • Il-kuntest ġenerali

L-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jipprovdi li, fil-każ ta' pagamenti għaċ-ċanga u l-vitella, pagamenti addizzjonali li jingħataw mill-Istati Membri lill-bdiewa għandhom isiru skond il-kundizzjonijiet provduti fil-Kapitolu 12 tat-Titolu IV ta' dak ir-Regolament. L-Artikolu 138 ta' l-istess Regolament jipprovdi li, biex jikkwalifika għal pagamenti diretti skond il-Kapitolu 12 tat-Titolu IV, annimal irid ikun identifikat u rreġistrat skond ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000. Skond it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, kull sid ta' l-annimali għandu jirraporta lill-awtorità kompetenti l-movimenti kollha lejn u mill-impriża u t-twelid u l-imwiet kollha tal-bhejjem fuq l-impriża, flimkien mad-dati ta' dawn l-avvenimenti, f'perjodu taż-żmien stabbilit mill-Istat Membru ta' bejn tlieta jew sebat ijiem minn meta jkun ġara l-avveniment.

Il-fatt biss li d-data ta' kwalunkwe moviment jew ta' twelid jew ta' mewt ta' l-annimal ma tiġix irrapurtata lill-awtorità kompetenti fiż-żmien stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 ma għandux jiddiskwalifikaw awtomatikament minn kwalunkwe pagament. Il-bidu tal-perjodu taż-żamma ta' l-annimal huwa kkunsidrat bħala waqt rilevanti biex wieħed jiċċekkja jekk l-annimal ikkonċernat hux attwalment identifikat u rreġistrat għall-iskop ta' l-għoti tal-pagamenti skond il-Kapitolu 12 tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

Din il-kwistjoni hija ta' interess ewlieni għall-Istati Membri fejn il-pagamenti għaċ-ċanga u l-vitella għadhom akkoppjati parzjalment jew kompletament skond l-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Dawn l-Istati Membri m'humix ċerti dwar il-bażi għall-għotja tal-pagamenti bil-quddiem involuti li għandhom iħallsu sa mis-16 ta' Ottubru 2008. Ir-riskju li l-bdiewa jistgħu jiġu trattati b'mod differenti fl-Istati Membri jew ma jithallexw jirċievu l-pagament f'ċirkustanzi bħal dawn għandu jitneħħa.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fl-ambitu tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001.

Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97.

- **Konsistenza mal-politiki l-oħra u l-għanijiet ta' l-Unjoni**

Mhux applikabbli.

## 2. IL-KONSULTAZZJONI MA' PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni ma' partijiet interessati**

- **Il-għbir u l-użu ta' għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' konsultazzjoni ma' partijiet interessati jew ta' għarfien espert estern.

- **Il-valutazzjoni ta' l-impatt**

Mhux applikabbli.

## 3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Sinteżi ta' l-azzjoni proposta**

L-għan tal-proposta huwa li tiċċara l-iskop ta' l-obbligu ta' l-identifikar u r-reġistrar ta' l-annimali bil-għan li jingħataw il-pagamenti għaċ-ċanga u l-vitella, permezz ta' emenda għall-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Bħala riżultat ta' l-emenda proposta, annimal għandu jitqies eliġibbli għall-pagament meta l-obbligi ta' rappurtar stipulati fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 ikunu ġew eventwalment imħarsa sa mhux aktar tard miż-żmien tal-bidu tal-perjodu taż-żamma ta' l-annimal, minkejja r-reqwiziti ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni. Barra dan, billi l-perjodu ta' referenza stabbilit għall-ġestjoni tal-pagamenti involuti huwa s-sena kalendarja, din l-emenda għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2008 sabiex tapplika għall kull pagament li jsir matul is-sena kalendarja 2008 kollha.

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 37(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

- **Prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

- **Għażla ta' strumenti**

Strument propost: Regolament tal-Kunsill.

Mezzi oħra mhumiex adegwati minħabba r-raġuni li ġejja: Regolament irid jiġi emendat b'Regolament.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAGĦT**

Din il-miżura ma tinvolvi ebda nefqa Komunitarja addizzjonali. Il-finanzjament tal-miżura kkonċernata kien previst fid-dikjarazzjoni finanzjarja tal-proposta tal-Kummissjoni għar-riforma tal-PAK, COM(2003) 23 finali.

#### **5. TAGĦRIF ADDIZZJONALI**

- **Simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>2</sup>,

Billi:

- (1) L-Artikolu 68 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003<sup>3</sup> jipprovdi li, fil-każ ta' pagamenti għaċ-ċanga u l-vitella, pagamenti addizzjonali li jingħataw mill-Istati Membri lill-bdiewa għandhom isiru skond il-kundizzjonijiet provduti fil-Kapitolu 12 tat-Titolu IV ta' dak ir-Regolament.
- (2) L-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jipprovdi li, biex jikkwalifika għall-pagamenti diretti skond il-Kapitolu 12 tat-Titolu IV ta' dak ir-Regolament, annimal għandu jkun identifikat u rreġistrat skond ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97<sup>4</sup>.
- (3) Skond it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, kull sid ta' l-annimali għandu jirraporta lill-awtorità kompetenti l-movimenti kollha lejn u mill-impriża u t-twelid u l-imwiet kollha tal-bhejjem fuq l-impriża, flimkien mad-dati ta' dawn l-avvenimenti, f'perjodu taż-żmien stabbilit mill-Istat Membru ta' bejn tlieta jew sebat ijiem minn meta jkun ġara l-avveniment.
- (4) L-iskop ta' l-obbligu stipulat fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 xorta waħda jeħtieġ li jiġi ċċarat. Il-fatt biss li d-data ta' twelid jew ta' mewt ta' l-annimal jew kwalunkwe moviment ta' l-annimal ma jiġix irrapurtat lill-awtorità kompetenti fil-perjodu stipulat fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 ma għandux jiddiskwalifikah awtomatikament minn kwalunkwe pagament. Il-bidu tal-perjodu taż-żamma ta' l-annimal għandu jiġi kkunsidrat bħala l-

---

<sup>1</sup> ĠU ..., ..., p. ....

<sup>2</sup> ĠU ..., ..., p. ....

<sup>3</sup> ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 146/2008 (ĠU L 46, 21.2.2008, p. 1).

<sup>4</sup> ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

waqt rilevanti biex wieħed jiċċekkja jekk l-annimal ikkonċernat hux attwalment identifikat u rreġistrat għall-iskop ta' l-għoti tal-pagamenti skond il-Kapitolu 12 tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

- (5) L-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.
- (6) L-għan ta' din l-emenda huwa limitat għall-iskop li tiġi stabbilita l-eliġibbiltà għall-pagamenti. Din l-emenda ma tbiddilx it-traċċabbiltà ta' l-annimali peress li l-bdiewa jibqgħu obbligati li jikkonformaw ma' kull rekwiżit ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000.
- (7) L-obbligu stipulat fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu japplika għal kull pagamenti skond il-Kapitolu 12 tat-Titolu IV ta' dak ir-Regolament. Billi l-perjodu ta' referenza stabbilit għall-ġestjoni ta' dawk il-pagamenti huwa s-sena kalendarja, din l-emenda għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2008 sabiex tapplika għall kull pagament li jsir matul is-sena kalendarja 2008 kollha,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej: "Minkejja dan, annimal għandu jitqies eliġibbli għall-pagament meta t-tagħrif stipulat fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 ikun ġie rrapurtat lill-awtorità kompetenti fil-waqt tal-bidu tal-perjodu taż-żamma ta' l-annimal."

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*